



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 21/20

Il-Lussemburgu, 3 ta' Marzu 2020

Sentenza fil-Kawża C-482/18
Google Ireland Limited vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Kiemelt Adó- és
Vámigazgatósága

**Is-sistema ta' sanzjonijiet marbuta mat-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar ma hijiex
kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni**

Għall-kuntrarju, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix l-obbligu ta' dikjarazzjoni li għalih huma suġġetti l-fornituri ta' servizzi ta' reklamar barranin b'rabta ma' din it-taxxa

Permezz tas-sentenza tagħha tat-3 ta' Marzu 2020, **Google Ireland** (C-482/18), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilit fl-Artikolu 56 TFUE ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni Ungeriża li tissuġġetta lill-fornituri ta' servizzi ta' reklamar stabbiliti fi Stat Membru ieħor għal obbligu ta' dikjarazzjoni, għall-finijiet tal-issuġġettar tagħhom għat-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar**. Dan jgħodd minkejja l-fatt li l-fornituri ta' tali servizzi stabbiliti fl-Ungerija huma meħlusa minn dan l-obbligu għar-raġuni li huma suġġetti għal obbligi ta' dikjarazzjoni jew ta' reġistrazzjoni minħabba li huma suġġetti għal kwalunkwe taxxa oħra applikabbli fit-territorju Ungeriż.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li **l-prinċipju ċċitat iktar 'il fuq jipprekludi l-leġiżlazzjoni Ungeriża li ttiprovdi li dawn il-fornituri jkun suġġetti, minħabba li ma jkunux ikkonformaw ruħhom mal-obbligu ta' dikjarazzjoni, għal sensiela ta' multi li, fi ftit jiem, jistgħu jilħqu l-miljuni ta' euro**, mingħajr ma l-awtorità kompetenti tagħti lill-fornituri msemmija ż-żmien meħtieġ sabiex iwettqu l-obbligu tagħhom, mingħajr ma tagħtihom l-opportunità jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom u mingħajr ma teżamina hija stess il-gravità tal-ksur. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-ammont tal-multa li jiġi impost fuq fornitur ta' servizzi ta' reklamar stabbilit fl-Ungerija li jkun naqas milli jwettaq obbligu ta' dikjarazzjoni jew ta' reġistrazzjoni simili bi ksur tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali jkun sinjifikattivament inqas u, fil-każ ta' ksur kontinwu ta' tali obbligu, la jiżdied bl-istess proporzjon u lanqas ma jiżdied neċessarjament f'termini daqstant qosra.

Fil-kawża ineżami, Google Ireland, kumpannija rregolata mid-dritt Irlandiż, li kienet teżerċita attività suġġetta għat-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar, naqset milli twettaq l-obbligu ta' dikjarazzjoni tagħha b'rabta ma' din it-taxxa. B'applikazzjoni tas-sistema ta' sanzjonijiet marbuta mat-taxxa fuq ir-reklamar, Google Ireland kienet suġġetta, inizjalment, għal multa fl-ammont ta' għaxar miljun forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 31 000) u, sussegwentement, fi żmien ftit jiem, għal multi addizzjonali, li l-ammont totali tagħhom kien jammonta għal HUF 1 biljun (madwar EUR 3.1 miljuni). Din is-somma kienet tikkorrispondi għall-ammont massimu li l-leġiżlazzjoni Ungeriża kienet tipprevedi għall-multi imposti minħabba irregolaritajiet marbuta mat-taxxa inkwistjoni. Google Ireland qiegħda tikkontesta, quddiem il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, minn naħa, tal-obbligu ta' dikjarazzjoni għall-fornituri ta' servizzi ta' reklamar barranin u, min-naħa l-oħra, tas-sistema ta' sanzjonijiet marbuta mat-taxxa fuq ir-reklamar. Din il-qorti talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi jipprojbixxi kull leġiżlazzjoni nazzjonali li tista' tagħmel il-provvista ta' servizzi bejn l-Istati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna għal Stat Membru. Dan il-prinċipju jeżiġi, għalhekk, l-eliminazzjoni ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi imposta minħabba li l-fornitur huwa stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak li fih issir il-provvista. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li ma jaqgħux taħt din il-projbizzjoni l-miżuri li l-uniku effett tagħhom ikun li

joħolqu spejjeż addizzjonali għall-provvista inkwistjoni u li jaffettwaw bl-istess mod il-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri u dik interna għal Stat Membru wieħed.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li **l-eżerċizzju tal-attività ta' diffużjoni ta' reklamar fit-territorju Ungeriż ma huwiex suġġett għall-obbligu ta' dikjarazzjoni u li dan l-obbligu japplika irrispettivament mill-post ta' stabbiliment ta' dawn il-fornituri. Bħala tali, din il-formalitá amministrattiva ma hijiex ostakolu għal-libertá li jiġu pprovduti servizzi.**

Fil-fatt, ebda differenza fit-trattament ta' natura li tista' tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertá li jiġu pprovduti servizzi ma setgħet tiġi kkonstatata fil-kawża ineżami peress li kull fornitur kien meħlus mill-obbligu ta' dikjarazzjoni sa fejn kien diġà ddikjarat jew irreġistrat b'rabta ma' kwalunkwe taxxa diretta jew indiretta oħra imposta fl-Ungerija. Dan il-ħelsien ma għandux effett dissważiv, iżda jevita lill-fornituri diġà rreġistrati l-bżonn li jwettqu formalitá inutili.

Fir-rigward tas-sanzjonijiet fil-qasam fiskali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li għalkemm is-sistemi ta' sanzjonijiet fil-qasam fiskali jaqgħu, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni, fil-kompetenza tal-Istati Membri, tali sistemi ma jistax ikollhom l-effett li jikkompromettu l-libertajiet previsti mit-Trattat FUE.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk is-sanzjonijiet marbuta mal-ommissjoni li titwettaq id-dikjarazzjoni prevista mil-liġi nazzjonali inkwistjoni f'din il-kawża humiex kuntrarji għal-libertá li jiġu pprovduti servizzi prevista fl-Artikolu 56 TFUE. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, minn perspettiva formali, is-sistema ta' sanzjonijiet inkwistjoni hija applikabbli mingħajr ebda distinzjoni għall-persuni taxxabbli kollha li ma jikkonformawx ruħhom mal-obbligu ta' dikjarazzjoni tagħhom, irrispettivament mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu stabbiliti. Madankollu, **huma biss il-persuni li fiskalment ma humiex residenti fl-Ungerija li fil-veritá huma esposti għar-riskju li jkunu suġġetti għal dawn is-sanzjonijiet.**

Huwa minnu li l-fornituri ta' servizzi ta' reklamar stabbiliti fl-Ungerija jistgħu jkunu suġġetti għal sanzjonijiet minħabba n-nuqqas li jwettqu obbligi simili ta' dikjarazzjoni u ta' reġistrazzjoni li huma imposti fuqhom bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali.

Madankollu, **is-sistema ta' sanzjonijiet marbuta mal-liġi dwar it-taxxa fuq ir-reklamar tippermetti li jiġu imposti multi f'ammont sinjifikattivament oġġla minn dak tal-multi previsti fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza, minn fornitur ta' servizzi ta' reklamar stabbilit fl-Ungerija, tal-obbligu ta' reġistrazzjoni tiegħu.** Barra minn hekk, la l-ammonti u lanqas it-termini taħt din is-sistema tal-aħħar ma huma daqstant rigorużi daqs dawk applikabbli fil-kuntest tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi dwar it-taxxa fuq ir-reklamar.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li **din id-differenza fit-trattament, li hija qieset li hija sproporzjonata u għalhekk mhux iġġustifikata, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertá li jiġu pprovduti servizzi pprojbta mill-Artikolu 56 TFUE.**

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkunu aditi biha, li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validitá ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix it-tilwima nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssolvi l-kawża f'konformitá mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, il-qorti l-oħra nazzjonali aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

L-immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106